**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

MAĠISTRAT DR. ANN MARIE THAKE
LL.B., Adv. LL.M., LL.D.

Illum, 11 ta' Diċembru 2024

**Repubblika ta' Malta**
**vs**
**Dylan Bonavita**
**Nizar Massoui**

Kawża numru 470/2024 AMT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra **Dylan Bonavita** ta sittax-il (16) sena, iben Fulvio u Deborah xebba Marjorana, imwieled gewwa Genova fl-Italja nhar it-tmienja (08) ta' Lulju tas-sena elfejn u sebgha (2007), numru tal-identita' mhux maghruf u lill-**Nizar Massoui** ta' dsatax-il (19) sena, iben Salah u Imane, imwieled gewwa Pietra Ligure l-Italja nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Frar tas-sena elfejn u hamsa (2005) u detentur tal-karta tal-identita' Taljana bin-numru CA42548RK.
Akkużati talli,b' diversi atti maghmulin minnhom, ukoll fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u dan bi ksur tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligjiet ta' Malta, u cioe talli bejn il-lejl tal-wiehed u tletin (31) ta' Mejju u l-ewwel (01) ta' Gunju tas-sena elfejn erbgha u ghoxrin (2024) gewwa Gianpula, Haz-Zebbug u/jew fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer:

1. Ikkommettew serq ta' gizrana tad-deheb, liem serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u dan ghaliex ipprezentaw ruhhom izjed minn tnejn, izda t-tielet persuna ghadu mhux maghruf, kif ukoll peress li tali serq sar flimkien m'offiza hafifa salv kumplikazzjonjiet fuq il-persuna ta' **Luca Galea**, hekk kif iccertifkat minn Dott. Mark Debrincat Reg Nru. 4710, bil-hin u bil-valur, liem ammont jeccedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmi (€232.94) izda ma jaccedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan ghad-detriment ta' **Luca Galea** u/jew persuna/i naturali/guridici ohra';
2. Ikkommettew serq ta' gizirana tad-deheb, liem serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u dan ghaliex ipprezentaw ruhhom izjed minn tnejn, izda t-tielet persuna ghadu mhux maghruf, bil-hin u bil-valur, liem ammont jeccedi l-

ammont ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmi (€232.94) izda ma jeccedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan ghad-detriment ta' **Zack Pace Cauchi** u/jew persuna/i naturali/guridici ohra;

3. Ikkommettew serq ta’ zewg gizirajjen tad-deheb, liem serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u dan ghaliexipprezentaw ruhhom izjed minn tnejn, izda t-tielet persuna ghadu mhux maghruf, bil-hin u bil-valur, liem ammont jeccedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmi (€232.94) izda ma jeccedix l-ammont ta’ elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan ghad-detriment ta' **Kayden Farrugia** u/jew persuna/i naturali/guridici ohra';
4. Ikkommettew serq ta' gizirana tad-deheb, liem serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u dan ghaliex ipprezentaw ruhhom izjed minn tnejn, izda t-tielet persuna ghadu mhux maghruf, bil-hin u bil-valur, liem ammont jeccedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmi (€232.94) izda ma jeccedix l-ammont ta' elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan ghad-detriment ta' **Jovan Domazet** u/jew persuna/i naturali/guridici ohra’;
5. Ikommettew serq ta’ gizirana tad-deheb, liem serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u dan ghaliex ipprezentaw ruhhom izjed minn tnejn, izda t-tielet persuna ghadu mhux maghruf, bil-hin u bil-valur, liem ammont jeccedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmi (€232,94) izda ma jeccedix l-ammont ta’ elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan ghad-detriment ta' **Jean Paul Camilleri** u/jew persuna/i naturali/guridici ohra’;
6. Ikommettew serq ta’ gizirana tad-deheb, liem serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza u dan ghaliex ipprezentaw ruhhom izjed minn tnejn, izda t-tielet persuna ghadu mhux maghruf, bil-hin u bil-valur, liema ammont jeccedi l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmi (€232,94) izda ma jeccedix l-ammont ta’ elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan ghad-detriment ta' **Thomas Howland** u/jew persuna/i naturali/guridici ohra’;

Akkużati talli fix-xahar ta’ Gunju tas-sena elfejn u erbgha u ghoxrin (2024) u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer:

7. Assocjaw ruhhom ma' xi persuna jew persuni f’ Malta jew barra minn Malta bil-ghan li jaghmlu delitt f’ Malta li ghalih hemm il-piena ta’ priguerija;

Il-Qorti ġie mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta’ ta' **Luca Galea, Zack Pace Cauchi, Kayden Farrugia, Jovan Domazet, Jean Paul Camilleri** u/jew xi persuna/i ohra billi tohrog ordni ta’ protezzjoni kontra l-imputati **Dylan Bonavita u Nizar Massoui** skont l-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u f’kaz ta’ htija, hija mitluba sabiex tipprovdi ghas-sigurta’ tal-persuna offiza ai termini tal-Artikolu 382A, 383,384,385 u 412C tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll f'każ ta' ħtija, sabiex thaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll thaddem id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta flimkien ma' kull artikolu iehor tal-ligi li jizgura kumpens u/jew restituzzjoni lill-vittmi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-każ;

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament;

Semgħet it-trattazzjoni finali tal-partijiet;

**Ikkonsidrat;**

**L-Ispettur Shawn Pawney** xehed illi matul il-lejl ta' bejn il-31 ta' Mejju u l-1 ta' Ġunju 2024 huwa kien ġie infurmat li kienu seħħew diversi serqiet ta' *chokers* minn fuq il-persuni li kienu liebsin dawn ic-*chokers* stess fil-lokalita ta' San Ġiljan u ġewwa Gianpula, u żied li f'dawk l-aħħar ġimgħat kien daħlu ħafna rapport f'dak is-sens. Dak il-lejl ġew arrestati l-imputati mill-istabbilment Gianpula, u żewġ persuni oħrajn li kienu jinsabu f'San Ġiljan. Xehed illi parti mid-deheb li nsteraq mill-vittmi f'din il-kawża instab l-Italja l-għada li seħħew is-serqiet wara li t-tielet persuna mhux identifikata mis-serqiet ta' San Ġiljan ġiet rintraċċata l-Italja b'kooperazzjoni mill-pulizija Taljana, u dan id-deheb kien ġie identifikat minn xi vittmi li rraportaw serqa fil-lejl imsemmi. Spjega li mill-investigazzjoni li saret mill-pulizija rriżultalhom li l-ħallelin kienu grupp ta' tlieta jew erba' persuni u tnejn minnhom kien jkunu viċin il-vittma u jaġixxu bħala '*shield'* għal persuna l-oħra li tiġbed ic-*choker* imbagħad tintilef fil-folla. L-imputati ġew arrestati fil-ħruġ ta' Gianpula Fields wara li diversi vittmi kienu ingħaqdu barra u identifikawhom bħala tnejn mit-tlett persuni li kienu jidhru involuti fis-serqa minħabba l-ħwejjeġ li kienu liebsin u fil-każ ta' Bonavita minħabba tattoo partikolari f'għonqu. Mill-investigazzjoni tagħhom imbagħad irriżulta li t-tielet persuna kien laħaq ħarab minn fuq il-post. Xehed illi mill-investigazzjoni irriżulta li l-persuni involuti huma minn Genoa u bl-etatijiet ta' bejn sittax (16) u tlieta u għoxrin sena (23) u filfatt anke l-persuna l-oħra li ġiet arrestata fl-Italja u li instab id-deheb kollu fuqha kienet minn Genoa. Fir-rigward tal-lejl imsemmi xehed li kienu ħadu rapport mingħand:

i. Zack Pace Cauchi u Thomas Howland, li t-tnejn qalu li kienet ittieħditilhom ġizirana, u magħhom kien hemm ċertu Eli Zammit li għalkemm ma ġiex misruq kien wieħed mill-persuni li identifika lill-imputati u d-dinamika ta' kif taħdem is-sistema.
ii. Kayden Farrugia li qal li insterqulu żewġ *chokers* u identifika lill-imputati bħala l-persuni involuti fis-serqa minħabba l-ħwejjeġ li kienu libsin u t-tattoo ta' m'għonq Bonavita;
iii. Luca Galea li ukoll qal li insteraq fuq il-post iżda m'għarafx il-persuni involuti, għalkemm kien wieħed mill-persuni li assista biex l-imputati jiġu arrestati sakemm irrikorrew l-RIU;
iv. Jovan Domazet li qal li insteraqlu *choker;*
v. Jean Paul Camilleri li qal li nsteraqlu *choker* bl-istess *modus operandi*.

L-Ispettur Pawney esebixxa l-istqarrija meħuda mill-imputati fl-1 ta' Ġunju 2024, ir-rapporti magħmula mill-persuni msemmija u xi ritratti li għaddew dawn il-persuni lill-pulizija tad-deheb li qalu li kien insterqilhom. Żied illi Cauchi kien sofra ġrieħi ta' natura ħafifa waqt is-serqa.

**In kontro-eżami** xehed illi d-Dipartiment tar-Reati Maġġuri ġeneralment ma jinvolvix ruħu f'*pickpocketing* pero peress li kien hemm *modus operandi* komuni u *'surge'* kbira ta' serqiet daħlu fl-investigazzjoni huma wkoll. Spjega li mill-verżjoni tal-vittmi li kienu ħadu kien irriżulta li l-*modus operandi* fis-serqiet kollha kien l-istess u ċioe kien hemm minn tlieta sa erba' persuni, persuna waħda tisraq u l-oħrajn jagħmlu ostaklu biex il-persuna misruqa ma tkunx tista tilħaq lill-persuna li tkun serqitha. Żied li l-imputati kien ġew identifikati bħala l-persuni li kienu qed joħolqu ostaklu. Xehed li l-vittma identifikat lill-imputati, anke mit-tattoo li għandu m'għonqu Dylan Bonavita, u qalu li l-imputati kien qed jibblukawlhom it-triq biex ma jkunux jistgħu imorru wara li l-persuna li seraqhom. Mistoqsi dwar din it-terza persuna xehed li din il-persuna ma ġietx identifikata jew arrestata, u li dak li qal hu huwa dak li qalulhom il-vittmi. Xehed li għal bidu ħasbu li dawn is-serqiet kienu relatati ma' serqiet simili li seħħew f'San Ġiljan, iżda mbagħad deher li ma kinux relatati, u ma kienx hemm l-istess nies involuti.

**PC2447 Jake Sciberras Caruana** xehed illi fl-1 ta' Ġunju 2024 waqt li kien stazzjonat fl-għassa ta' Ħaż-Żebbuġ għal ħabta tas-siegħa ta' filgħodu bdew deħlin diversi telefonati li kien hemm diversi persuni qed jisirqu ġizirajjen minn ġewwa l-Gianpula, u għalhekk kien irrikorra fuq il-post flimkien ma' PC1057 fejn kienu sabu lill-uffiċjali tal-RIU u kien hemm ftit kommozzjoni fuq il-post peress li l-persuni derubati kienu barra wkoll. Dawn il-persuni bdew jindikawlhom lill-imputati u minn hemm huma kienu arrestaw lill-imputati u ħaduhom l-għassa ta' Ħaż-Żebbuġ. L-imputati kienu ġew mitkellma mill-Ispettur James Mallia imbagħad ittieħdu l-*lockup.* Mill-investigazzjoni tagħhom irriżulta li kien hemm persuna oħra involuta u li l-imputati kienu jirrisjedu f'appartament f'Tas-Sliema. Huma kienu marru f'dan l-appartament flimkien mal-ispettur u meta ħabtu semgħu leħen maskili ġewwa. Il-persuna li kien ġewwa ma fetħilhomx u għalhekk huma użaw il-forza biex jiftħu l-bieb, iżda l-persuna li kien hemm ġewwa kien laħaq ħarab minn tieqa eżatt kif aċċedew fl-appartament li kien hemm fuq wara. Diversi rondi li għamlu fl-akwati rriżultaw fin-negattiv.

**In kontro-eżami** xehed illi meta marru Gianpula kienu sabu ħafna kommozzjoni u kienu n-nies li kienu mdawwrin mal-imputati li bdew jindikawhom lill-pulizija. Qal li dak il-ħin ma kellux ċans jitkellem mal-imputati. Ikkonferma li dak li xehed dwaru fir-rigward ta' x'ġara f'Gianpula hija informazzjoni li ġabar mingħand kollegi tiegħu tar-Rapid Intervention Unit.

**Luca Galea** xehed illi fl-1 ta' Ġunju 2024 għall-ħabta tas-siegħa ta' filgħodu kienu qiegħed il-Gianpula viċin il-bar tan-nofs u f'daqqa waħda ħass il-*choker* tad-deheb li kien liebes jinġibed minn wara. Huwa dar mill-ewwel iżda ma ra lil ħadd u għalhekk saqsa li persuni li kien hemm warajh jekk kinux raw lil xi ħadd u qalulu li kienu raw

persuna liebsa *bucket hat* ta' lewn abjad bl-iswed. Spjega peress li hu u l-grupp ta' persuni li kienu miegħu huma membri tal-korp tal-pulizija bdew jagħmlu tfittxija biex jaraw jilħmux lil xi ħadd iżda din irriżultat fin-negattiv. Għalhekk huma ħarġu barra u hu qal lil *bouncer* b'dak li kien ġara, li kien irrispondieh li kien hemm diversi persuni li kien qalulhom l-istess. Dak il-ħin kien hemm ukoll grupp ta' żagħżagħ li qalu li huma kienu wkoll ġew misruqa u li wieħed minn dawn il-persuni kien jaf id-deskrizzjoni ta' tnejn minnhom għax kien rahom b'għajnejh, u qalli li wieħed mill-persuni kellu tattoo ta' kuruna b'ittra fuq għonqu taħt widnejh. It-tfajla tiegħu, li hija wkoll membru tal-korp tal-pulizija, baqgħet barra ħdejn il-*bouncers*, filwaqt illi hu daħal ġewwa mal-vittmi l-oħra biex forsi jaraw lill-persuni li kienu serquhom. Għall-ħabta tas-2.30am kien tkellem mat-tfajla tiegħu fuq il-*mobile* u kienet talbitu biex joħroġ barra fil-*parking area* fejn kien sab in-nies iżommu żewġ lill-imputati. Hu infurmahom minnufih li kienu taħt arrest u qalilhom li hu pulizija, u r-raġuni għalfejn kienu qed jiġu arrestati. Ċemplu lill-pulizija u kienu marru fuq il-post membru tar-Rapid Intervention Unit u tad-distrett tal-għassa tal-pulizija. L-imputati bdew jitkellmu nofs bit-Taljan u nofs b'Ingliż imkisser, Bonavita beda jgħidlu "*no gioielleria no gioielleria."* Xehed li *c-choker* li insteraqlu dakinhar għandu valur ta' €1,900 u kkonferma d-dokument *a* fol *27* li qal li huwa ċ-ċertifikat tad-deheb maħruġ mill-ħanut minn fejn xtara dan ic-*choker*. Ikkonferma wkoll iċ-ċertifikat mediku a *fol* 26, u li dan ic-*choker* mhuwiex fil-pussess tiegħu, iżda ġie muri ritratt ta' xi deheb meħud fl-ajruport mill-Ispettur James Mallia u għaraf ic-*choker* tiegħu f'dan ir-ritratt.

**In kontro-eżami** xehed li huwa ma rax lil min ħadlu c-*choker* iżda biss ħass il-ġibda.

**Muriel Cutajar** xehdet li fl-1 ta' Ġunju 2024 hija kienet il-Gianpula flimkien mal-għarus tagħha Luca Galea u xi ħbieb tagħhom. Għall-ħabta tas-siegħa ta' filgħodu (01:00) Galea qalilha li xi ħadd kien seraqlu c-*choker* minn m'għonqu, u għalhekk hija ħarġet barra ħdejn is-*securities* u ċemplet lill-Ispettur James Mallia peress illi hija kuntistabbli fil-korp tal-pulizija u għalhekk riedet tieħu direzzjoni mingħandu. Għal ħabta tas-sagħtejn ta' filgħodu kien hemm l-imputat Bonavita barra, li hija għarfet mit-tattoo ta' għonqu u xi persuna bdiet tgħid li kien serqu u li kien għarfu minħabba dan it-tattoo. Kif mar jimxi warajh ic-Chief Security Bonavita telaq jiġri u għalhekk hi marret mid-direzzjoni opposta u irnexxilhom iwaqqfuh. Hija kienet immedjatament qaltlu li kien taħt arrest u infurmatu bid-drittijiet tiegħu bil-lingwa Ingliża, imbagħad ċemplet lill-Ispettur sabiex tgħidlu li wieħed mill-ħallelin kien inqabad.

**In kontro-eżami** xehdet illi hija ma ratx ic-choker jinsteraq.

**In ri-eżami** xehdet li Luca Galea kien liebes *choker* tad-deheb, flokk iswed bil-kitba Versace fuqu, jeans blu, u ċappetta u arloġġ tad-deheb, u wara l-inċident ġie nieqes dan ic-*choker* biss. Xehdet ukoll li hija kienet ħadet id-dettalji tan-nies li kien qalu li għarfu lill-imputati u għaddithom lill-Ispettur James Mallia u lill-kuntistabbli tal-għassa.

**Jean Paul Camilleri** xehed illi fl-1 ta’ Ġunju 2024 għall-ħabta tas-siegħa ta’ filgħodu (01:00) kien qiegħed Gianpula quddiem id-DJ u ħass ġibda m’għonqu. Huwa induna li l-ġizirana li kien liebes ma kinitx m’għonqu u dar biex jara min kien iżda l-persuna li ġibditlu l-ġiżirana kien laħaq telaq u ma ra xejn. Huwa preżenta żewġ ritratti ta’ din il-ġiżirina tad-deheb, li ġew immarkati bħala DOK JPC1 u DOK JPC2. Dak il-ħin huwa ġera barra u hemmhekk induna li kien xi nies oħra li kien ġralhom l-istess, peress li semgħahom jitkellmu mal-*bouncer.* Qal li din il-ġiżirana kienet tad-deheb u tiswa iktar minn tmien mitt ewro (€800), u kienet rigal tal-magħmudija. Huwa mbagħad ra lill-imputati fil-*car park.*

**In kontro-eżami** xehed illi huwa ma rax lill-imputati joħdulu il-ġiżirana, u rahom biss fil-*car park* meta kulħadd kien qiegħed jakkużahom.

**Thomas Howland** xehed li fl-1 ta’ Ġunju 2024 kien qiegħed Gianpula mal-bar, u waqt li kien miexi lejn id-DJ stand fejn kien hemm il-ħbieb tiegħu ħass ġibda żgħira m’għonqu. Huwa dar u ra persuna qasir u b’xagħru qasir jiġri. Huwa prova jmur warajh iżda żewġ persuni blukkawh, u mbagħad ma setax jara aktar lil dan il-persuna li kien telaq jiġri. Għalhekk huwa ħareġ barra u hemmhekk kien hemm numru ta’ ġuvintur li kien qed jgħidu li kien ġralhom l-istess ħaġa. Aktar tard fil-*car park* raw grupp kbir ta’ nies jgħidu li dawn iż-żewġ persuni kienu serquhom, u dawn iż-żewġ persuni huwa għaraf bħala l-imputati. Huwa kien mar ikellem lil Bonavita biex isaqsih jekk kienx hu li ħadlu l-ġiżirana u Bonavita beda jidħaq. Xehed li l-ġiżirana tiegħu li kienet ġiet misruqa dakinhar kienet *gold plated* b’valur ta’ madwar mija u ħamsin ewro (€150), u esebixxa ritratti tal-istess li ġew immarkati bħala DOK TH1. Żied illi huwa kien mal-ħbieb tiegħu Zack Pace Cauchi u Eli Zammit Marmara, u li anke lil Zack Pace Cauchi kienu serqulu ġiżirana dakinhar.

**In kontro-eżami** u mistoqsi kif jaf il-valur tal-ġiżirana xehed illi huwa kien staqsa lil ommu peress li kienet xtratilu hi. Mistoqsi jekk jagħrafx lil xi ħadd ieħor apparti lil Bonavita minn dakinhar wieġeb lil jagħraf lill-imputat Massoui li huwa kien ra barra fil-*car park.* Xehed li hu ma ra lil ħadd mill-imputati jiġbidlu l-ġiżirana, lanqas meta dar wara li ħass il-ġibda, u li l-ewwel darba li rahom kien fil-*car park.*

**In re-eżami** xehed illi fil-*car park* huwa kien ra lill-imputati ħdejn karozza tal-pulizija.

**PC1057 Angus Mario Carabott** xehed illi fl-1 ta’ Ġunju 2024 huwa kien stazzjonat l-għassa ta’ Ħaż-Żebbuġ u għall-ħabta tas-siegħa ta’ filgħodu kienet daħlet telefonata biex jattendu Gianpula Village Club peress li l-pulizija tar-Rapid Intervention Unit kien żammew żewġ guvintur. Huwa kien mar fuq il-post flimkien ma’ kollega tiegħu u fil-*parking area* kien raw żewġ vetturi tar-Rapid Intervention Unit, b’ċorma nies madwarhom u żewġ żagħżagħ flimkien mal-uffiċjali tal-pulizija, li wieħed minnhom huwa identifika bħala l-imputat Bonavita. Huma pruvaw jikkomunikaw magħhom bl-Ingliż iżda dawn iż-żewġ żagħżagħ ma bdewx jifhmu u għalhekk bdew jippruvaw ifhemuhom bit-Taljan li kienu taħt arrest u għalfejn, u jfehmuhom id-drittijiet tagħhom. Minn hemmhekk ittieħdu l-għassa ta’ Ħaż-Żebbug fejn l-Ispettur James Mallia interrogahom individwalment, imbagħad ittieħdu l-*lock*

*up.* Għall-ħabta ta' xi l-erbgħa ta' filgħodu (04:00) kien mar mal-Ispettur James Mallia f'appartament bl-isem Piemonte Court fi Triq San Injazju, Tas-Sliema. Huwa ma setax isib il-post mill-ewwel, u ħin minnhom inzerta lill-Ispettur James Mallia u kollega ieħor ġejjin jiġru b'nifishom maqtugħ u karozza tar-Rapid Intervention Unit li waqfet biex l-uffiċjali jitkellmu mal-Ispettur. Dawn l-uffiċjali qalu lill-ispettur li l-persuna kien ħarbilhom.

**Eli Zammit Marmara** xehed illi għall-bidu ta' Ġunju 2024 kien qiegħed Gianpula mal-ħbieb tiegħu u għal ħabta tas-siegħa u nofs ta' filgħodu (01:30) kien mar fuqhom wieħed minn dan il-grupp ta' ħbieb, Thomas Howland, li qalilhom li xi ħadd kien ħadlu l-katina minn fuq għonqu iżda minkejja dan hu kien jixtieq li jibqgħu hemm. Xi għoxrin minuta wara xi ħadd ieħor mill-grupp tagħhom, Zach Pace Cauchi, beda jfittex il-katina fuq għonqu u ppunta lejn ġuvni qasir li kellu xagħru bil-*fade* mal-ġnub. Huwa qabad lil dan il-ġuvni minn għonqu u beda jakkużah iżda dan il-ġuvni ma tkellem xejn, imbagħad marru tnejn min-nies, li għaraf bħala l-imputati. u bdew jimbuttawhom minn fuq dan il-ġuvni. Imbagħad marru l-*bouncers* biex jisseparawhom u ħarġu l-barra biex jistennewhom joħroġu, u hemmhekk sabu nies oħra li qalu li kienu insterqulhom ġiżirajjen. Ħin minnhom ħarġet tiġri folla nies mill-*main area* u baqgħet sejra lejn il-*carpark.* Huma marru warajhom u sabu lil Bonavita b'idejh wara dahru u kien hemm ukoll Massoui li kien qed jinsisti li huma innoċenti. Imbagħad ġew il-pulizija u tawhom l-informazzjoni li kienu jafu.

**In kontro-eżami** xehed illi huwa ma ra lil ħadd jieħu l-katina ma' Pace Cauchi. Spjega li l-argument tagħhom ma' kienx mal-imputati, u li l-imputati kien daħlu fl-argument biex jgħinu lill-persuna li kienu qed jargumentaw miegħu. Qal li l-imputati ma indikawx li huma ħbieb ma' dan il-persuna, u li ma tantx kien hemm kommunikazzjoni bejniethom peress li dawn it-tlett persuni bdew jitkellmu bit-Taljan filwaqt li huma kienu qed ikellmuhom bl-Ingliż, iżda setgħu jifhmu lil xulxin. Innega li kien aġitat meta seħħ dan. Qal ukoll illi waqt li kienu fil-*carpark* l-imputati bdew joffru lin-nies sabiex jiċċekjawlhom il-bwiet iżda ħadd ma sab xejn, u għalhekk bdew jgħidu lill-imputati sabiex iċemplu lill-persuna l-oħra li kien qiegħed magħhom biex jiġi lura. Żied li dak il-ħin beda jdoqq il-*mobile* ta' Bonavita.

**In ri-eżami** xehed illi meta marru l-imputati fuqhom kienu għamlu dan b'mod aggressiv, u ċioe billi kellmuhom b'mod aggressiv imbagħad imbuttawhom fiżikament.

**PS1340 Antonio Bellizzi** xehed illi fl-1 ta' Ġunju għall-ħabta tas-sagħtejn u kwart ta' filgħodu (02:15) ġew infurmati li kien hemm żewġ persuni fil-*parking* ta' Gianpula li n-nies kien rawhom jisirqu xi ġiżirajjen tad-deheb li kienu liebsin persuni fl-istess stabbiliment. Għalhekk mar fuq il-post flimkien ma' PC1488 u hemm sabu numru sostanzjali ta' nies inkluż pulizija li kien *off duty* li kienu qed iżommu lill-imputati. Dawn il-persuni qalulhom li kienu raw lill-imputati jieħdu xi ġiżirajjen tad-deheb u li kien hemm terza persuna magħhom li pero kien laħaq ħarab u ma kinux jafu fejn mar. Hu u PC1488 għamlu tfittxija fuq il-persuna tal-imputati biex jassiguraw li ma kien hemm xejn fuqhom li jista' jkun ta' periklu għal xi ħadd, u l-imputati ġew

infurmati li kien taħt arrest u mogħtija d-drittijiet tagħhom, għalkemm kien hemm ftit ta' diffikulta minħabba li l-imputati kienu jitkellmu biss bit-Taljan u għalhekk kellhom jużaw *Google Translate* biex jippruvaw jiftehmu. Sussegwentement, b'ordni tal-Ispettur James Mallia l-imputati ittieħdu fl-għassa ta' Ħaż-Żebbuġ.

**PC1488 Charlo Mizzi** xehed illi fl-1 ta' Ġunju għall-ħabta tas-sagħtejn u kwart ta' filgħodu (02:15) ġew infurmati li xi persuni kien nqabdu jisirqu ġewwa l-parking ta' Gianpula u għalhekk kien mar fuq il-post flimkien ma' PC1340 fejn sabu grupp ta' nies li indikawlhom żewġ persuni ta' nazzjonalita barranija li kienu qed jiġu miżmuma minnhom, u dawn in-nies kienu qalulhom li l-persuni li kienu qed iżommu kien nqabdu jisirqu ġiżirajjen minn għonq in-nies. Imbagħad huma ħadu lil dawn iż-żewġ persuni, li għaraf bħala l-imputati, fil-kustodja tagħhom u għamlu tfittxja fuqhom, ħadulhom id-dettalji, informawhom li kienu taħt arrest u sussegwentement ħaduhom fl-għassa ta' Ħaż-Żebbuġ.

**In kontro-eżami** xehed li meta kellmuhom fil-parking area ta' Gianpula kien hemm xi sitta jew tmien minn nies li kienu ġew misruqa li kienu qed jindikawlhom lill-imputati. L-imputati sostnew l-innoċenza tagħhom il-ħin kollu li kien qiegħed hemm. Mit-tfittxija li għamlu fuqhom irriżulta li kellhom *mobile* kull wieħed u wieħed minnhom kellu dokumenti, iżda ma sabu l-ebda ġiżirana.

**PC710 Marouska Bugeja** xehdet li fl-1 ta' Ġunju 2024 kienet ħadet rapporti mingħand il-kwerelanti, u ċioe Thomas, Zach, Jovan, Jean Paul u Kayden, u kkonfermat ir-rapporti mmarkati bħala DOK SP6, DOK SP8, DOK SP10, DOK SP12 u DOK SP13.

**In kontro-eżami** xehdet li hija ma ħaditx sehem fl-investigazzjoni u r-rwol tagħha kien biss li tieħu l-verżjoni tal-kwerelanti.

**PS1227 Malcolm Pace** xehed illi id-dipartiment tar-reati maġġuri kien qiegħed jinvestiga diversi reati ta' serq ta' ġiżirajjen tad-deheb li seħħew bejn il-lejn tal-31 ta' Mejju 2024 u l-1 ta' Ġunju 2024 ġewwa Ġianpula Village minn fuq diversi persuni li kienu jinsabu fl-istess post. Kienu ġew infurmati wkoll li wieħed mill-vittmi sofra xi ġrieħi meta ġie misruq, u li dak il-lejl stess fl-istess post kienu ġew arrestati żewġ persuni ta' nazzjonalita Taljana bl-isem ta' Dylan Bonavita u Nizar Massoui, li huwa għaraf fl-awla, mil-uffiċjali tar-Rapid Intervention Unit. Il-vittmi, u ċioe Michael Sciberras, Kayden Farrugia, Thomas Howland, Jovan Domazet, Jean Paul Camilleri, Zach Pace Cauchi u Luca Galea, kienu marru jagħmlu rapport fid-Dipartiment tar-Reat Maġġuri u kienu ġew mitkellma mill-Ispettur Shawn Pawney fil-presenza tiegħu. Luca Galea kien il-vittma li kien ġarrab xi ġrieħi waqt is-serqa. Fuq struzzjonijiet tal-Ispettur Pawney hu kien mar fil-klabb Gianpula sabiex jeleva l-filmati tac-CCTV iżda l-unika *cameras* li kienu utli għalihom kienu fil-ħruġ u fid-dħul minħabba li diversi *cameras* ma kinux qed jaħdmu. Huwa preżenta kopja tal-filmat fuq *pendrive,* immarkata bħala DOK MP1, u spjegat li dawn il-filmat kien niżżlu hu minn ġewwa l-istabbilment wara li tah aċċess għalih is-sid ta' Gianpula. Meta analizzaw dawn il-filmat setgħu jaraw lill-imputati, anke minħabba l-ħwejjeġ li kienu

liebsin, li ġew preżentati u mmarkati bħala DOK MP2 (il-flokk li kien liebes Nizar Massoui) u DOK MP3 (il-flokk li kien liebes Dylan Bonavita), u preżenta sett ritratti immarkati bħala DOK MP4 li juru l-flokk ta' Massoui barra l-*evidence bag* u sett ieħor immarkat bħala DOK MP5 li juru l-flokk ta' Bonavita barra mill-*evidence bag*.

**In kontro-eżami** xehed li fir-rigward ta' kif daħal ir-rapport u l-arrest tal-imputati huwa niżżel dak li qalulu l-uffiċjali tar-Rapid Intervention Unit peress li kienu huma li għamlu l-arrest. Xehed ukoll li huwa kien preżenti meta l-imputati ġew interrogati mill-Ispettur Shawn Pawney. Ikkonferma li l-filmat esebit minnu ma jurix l-inċidenti in kwistjoni iżda biss lill-imputati u lill-vittmi deħlin u ħerġin mill-istabbiliment.

**L-Ispettur Roderick Agius** xehed illi fl-1 ta' Luljuj 2024 kien ġie infurmat mill-Ispettur Chris Mallia li kien hemm bżonn l-assistenza tiegħu minħabba li kienet qiegħed ssir xi investigazzjoni fl-istabbilment Gianpula u kienu ġew infurmati wkolli s-sezzjoni tar-reati maġġuri. Huwa kien mar id-depot tal-Furjana u kien sab lil vittmi li kienu insterqulhom id-deheb waqt li kien ġewwa l-istabbilment Gianpula l-lejl ta' qabel. Kienu ħadu l-istqarrija tal-imputati, bl-assistenza ta' interpret, li kienu nnegaw l-involviment tagħhom fil-każ, u sussegwentement kienu tressqu l-Qorti taħt arrest fit-2 ta' Lulju.

**Katya Vassallo** xehdet u preżentat it-traskrizzjonijiet li ħejjiet tal-istqarrijiet awdjoviżivi rilaxxati mill-imputati, immarkati bħala DOK KV1 fir-rigward tal-istqarrija ta' Dylan Bonavita u DOK KV2 fir-rigward tal-istqarrija ta' Nizar Massoui. Minn dawn it-traskrizzjonijiet jirriżulta li Bonavita għażel li ma jweġibx għad-domandi li sarulu dwar il-każ filwaqt li Massoui innega l-involviment tiegħu.

**L-Ispettur James Mallia** xehed illi fil-lejl ta' bejn il-31 ta' Mejju u l-1 ta' Ġunju 2024 kien ġie infurmat minn pulizija li kien qiegħed *off duty* li ġewwa l-istabbilment Gianpula kien inqabdu xi nies li wara intagħrfu mill-vittmi, nqabdu mill-*bouncers* u nżammu minn din l-uffiċjal tal-pulizija, u ċioe Muriel Cutajar. Hu kien ta struzzjonijiet sabiex iżommhom u tagħtihom id-drittijiet tagħhom jekk tista' sakemm imorru fuq il-post il-pulizija tal-għassa u tar-Rapid Intervention Unit. Cutajar ħadet ukoll il-verżjonijiet tan-nies li kien hemm fuq il-post. L-imputati kienu ttieħdu l-għassa ta' Ħaż-Żebbuġ bejn nofs il-lejl (00:00) u s-siegħa ta' filgħodu (01:30). L-imputati ma kellhom xejn fil-pussess tagħhom ħlief *mobile phone* kull wieħed u Massoui kellu wkoll karta tal-identita. Iż-żewġ imputati aċċettaw li jagħtu n-numru tal-*pin* tagħhom, u beda jdur dawn il-*mobiles* għal xi provi, liema *mobiles* kien jidhru li kienu ġew *reset* qabel telqu mill-Italja għaliex kien biss xi ġimgħatejn ritratti fuqhom. Fuq il-*mobile* tat-tip Samsung ra ritratt tad-deheb li kien meħud fuq mejda ta' injam ċar bħal *beech wood.* Meta staqsa lill-imputati fejn kienu qed joqgħodu qalulu li ma jafux. Waqt li kien għadu qed idur il-*mobiles* daħal message fuq *Snapchat* bit-Taljan li kien jgħid "jien qed ninkwieta, fejn qiegħed?" Huwa bagħat message lura jistaqsi għalfejn din il-persuna kienet qed tinkwieta u t-tweġiba kienet li dan kien għaliex kien qed isir il-ħin u kienu għadhom ma marrux lura." Huwa wieġeb li ma kienx jaf fejn irid imur, u ngħata l-indirizz "St Ingatius Junction, Sliema, Flat 2, Court K." Huwa għalhekk irrikorra immedjatament fuq il-post flimkien ma xi uffiċjali oħra u meta ħabbtu mal-

bieb xi ħadd bit-Taljan għajjat "Cicco". Huwa ma wieġbux u ftit sekondi wara sfrondaw il-bieb u daħlu, iżda dak il-ħin raw persuni taħrab mit-tieqa, u kull ma leħaq lemah kien biss li xagħru kien kannella. Dan l-appartament sabuh nadif tazza, kull ma kien hemm kien qisu xi sitt sew seba' biċċiet ħwejjeġ. Huma marru jiġru wara dan il-persuna iżda minkejja li dam jiġri madwar dik l-area xi għaxar minuti baqa' ma sabux. Mit-tfittxija li għamlu f'dan l-appartament ma rriżulta xejn, u żied li ma kien hemm l-ebda għamara li kienet taqbel mal-mejda li kienet tidher fir-ritratt li kien semma.

**In kontro-eżami** u mistoqsi kif kien jaf li d-deheb li kien jidher fir-ritratt li semma kien id-deheb misruq xehed li dan kien għaliex il-vittmi kien bgħatulu *selfies* tagħhom liebsin il-ġiżirajjen li kienu ġew misruqa. Żied illi sussegwentment il-vittmi stess kienu kkonfermaw li dan id-deheb kien dak li nsteraq lilhom u il-persuna li laħaq ħarab kien inqabad l-Italja bid-deheb. Xehed ukoll li ma jistax jikkonferma li l-imputati kienu jgħixu fl-indirizz f'Ta' Sliema fejn semma fix-xhieda tiegħu. Mistoqsi jekk iċċekjax id-data u l-ħin ta' meta ttieħed ir-ritratt tad-deheb li sab fuq il-*mobile* Samsung wieġeb li ma jiftakarx.

**Joseph Louis Xerri,** l-espert tekniku maħtur mill-Qorti, xehed u preżenta l-estrazzjoni magħmula minnu mill-*mobile phones* tal-imputati flimkien mar-relazzjoni tiegħu, li ġew immarkati bħala DOK JLX1.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti tibda biex mingħajr tlaqliq tiddikjara illi it-tieni u r-raba` imputazzjoni ma ġewx suffiċjentement pruvati mill-prosekuzzjoni peress illi l-prosekuzzjoni naqset milli tressaq lil Zack Pace Cauchi u lil Joven Domazet bħala xhieda quddiem din il-Qorti. Inoltre, peress li x-xhieda ta' Kayden Farrugia ġiet sfilzata fuq ordni ta' din il-Qorti datata 3 ta' Diċembru 2024 għar-raġunijiet spjegati fl-istess digriet, din l-akkuża ukoll ma tistax titqies suffiċjentement pruvata u għalhekk l-imputati qed jiġu wkoll liberati mit-tielet akkuża.

Dan iħalli għalhekk l-ewwel, il-ħames u s-sitt imputazzjonijiet, li jirrigwardaw serq aggravat bi vjolenza numerika, ħin u valur a detriment ta' Luca Galea, Jean Paul Camilleri u Thomas Howland rispettivament. Fir-rigward tal-kwalifika tal-valur fis-sitt imputazzjoni, il-Qorti tosserva minn issa illi l-kwalifika tal-valur ma tirriżultax pruvata peress illi fix-xhieda tiegħu Thomas Howland qal illi l-ġiżirana li nsterqitlu kellu valur ta' madwar mija u ħamsin ewro (€150). Jibqa' wkoll is-seba' imputazzjoni, u ċioe li l-imputati assoċjaw ruħhom ma xi persuni f'Malta jew barra minn Malta biex iwettqu delitt f'Malta li huwa punibbli bi priġunerija.

It-teżi tal-prosekuzzjoni hija li fil-lejl ta' bejn il-wieħed u tletin (31) ta' Mejju u l-ewwel (1) ta' Ġunju tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) l-imputati kienu parti minn grupp ta' tlieta jew erba' minn nies li kien qiegħed jisraq ġiżirajjen tad-deheb minn fuq il-persuna li individwi oħra li kienu jinsabu fl-istabbilment Gianpula. Skont il-prosekuzzjoni il-*modus operandi* ta' dan il-grupp kien li persuna waħda tiġbed il-ġiżirana minn fuq il-persuna filwaqt li l-oħrajn jaġixxu bħala ostaklu sabiex ma

jippermettux lil vittma jilħaq lil min seraq qabel ma jisparixxi fil-folla. Is-sehem tal-imputati f'dan il-grupp, skont il-prosekuzzjoni, kien proprju li jaġixxu bħala ostaklu ħalli jżommu lill-vittmi milli jilħqu li min ikun seraqhom, u fit-trattazzjoni finali issottomettiet li filfatt jirriżulta mix-xhieda tal-vittmi li l-imputati ibblukawlhom it-triq b'mod li ma rnexxilhomx jilħqu lil persuna li ġibditilhom il-ġiżirana li kienu liebsin.

Mhuwiex kontestat illi l-imputati kienu preżenti fl-istabbiliment Gianpula fil-lejl in kwistjoni. Filfatt l-imputati jidhru deħlin u ħerġin mill-istabbilment fil-filmati tas-sigurta li ġew elevati mill-istabbilment, u inoltre mill-*extraction* tal-*mobile phones* tal-imputati jirriżultaw diversi *videos* qosra li jidher li ttieħdu dakinhar stess minn Gianpula. Ikkonsidrat li l-imputati kienu f'post pubbliku ta' divertiment, il-presenza tagħhom waħedha żgur pero li mhijiex biżżejjed sabiex timplika xi forma ta' ħtija, u għalhekk jeħtieġ li jirriżulta mill-provi mressqa mill-prosekuzzjoni li l-imputati kienu filfatt involuti fis-serqiet in kwistjoni, u dan lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni.

Il-prosekuzzjoni tikkontendi li l-involviment tal-imputati fil-kommissjoni tas-serqiet imsemmija jirriżulta mill-assjem tal-provi li meħuda flimkien juru li l-imputati kienu involuti f'serq kwalifikat kif qed jiġu mixlija. Il-prosekuzzjoni tisħaq illi l-fatt li r-*res furtiva* ma nstabitx fil-pussess tal-imputati huwa rrelevanti peress illi l-imputati ikkonsidrat il-kwalifika tal-vjolenza numerika, ġaladarba il-prosekuzzjoni qed takkuża lill-imputati li kienu parti minn grupp fejn xogħolhom kien li jwaqqfu lid-derubati milli effettivament jilħqu lil min seraqhom u għalhekk naturalment ma kienx ser ikollhom id-deheb fuqhom huma. Il-prosekuzzjoni targumenta li f'post iffullat bħal ma kien l-istabbilment Gianpula dakinhar, hija kumbinazzjoni wisq kbira li l-vittmi kollha sabu lill-imputati ma wiċċhom jostakolawhom meta pruvaw jaraw min kien ħadilhom il-ġiżirana li kienu liebsin. Il-prosekuzzjoni tagħmel referenza għal fatt ukoll li fuq wieħed mill-*mobiles* tal-imputati instab ritratt tal-ġiżirajjen li nsterqu dakinhar u għall-messaggi li bdew jirċievu meta l-*mobiles* tagħhom kien fil-pussess tal-Ispettur James Mallia u l-fatt li l-persuna li kienet fl-indirizz li ngħata f'dawn il-messaġġi ħarab jiġri meta marru l-pulizija fuq il-post, wara li kellhom jisfrondaw il-bieb biex jidħlu għaliex dan il-persuna ma fetħilhomx.

Minn naħa tagħha d-difiża tikkontendi illi l-prosekuzzjoni ma leħqitx il-grad ta' prova rikjest fi proċeduri kriminali. Tgħid illi l-vittmi li ġew prodotti bħala xhieda mill-prosekuzzjoni mhumiex xhieda kredibbli peress illi fix-xhieda tagħhom in eżami taw wieħed x'jifhem li kienu raw lill-imputati joħdulhom il-ġiżirana li kienu liebsin filwaqt li in kontro-eżami ammettaw li huma qatt ma raw lil min ħadilhom il-ġiżirana.

Il-Qorti tibda billi tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Emad Masoud** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Mejju 2019, fejn fir-rigward tal-oneru tal-prova fil-kamp penali intqal hekk:

> "Illi jinkombi fuq il-prosekuzzjoni sabiex tressaq l-ahjar prova u sabiex tipprova l- kaz taghha fuq bazi ta' minghajr dubju dettat mir-raguni. Filwaqt li d-difiza ma ghandha bzonn tipprova xejn.
> Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-ahjar provi sabiex tikkonvinci lill- Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-imputati

huma veri u dan ghaliex kif jghid il-Manzini fil-ktieb tieghu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

"Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit".

Huwa principju baziku pprattikat mill-Qrati taghna fil-procediment kriminali li, biex l-imputati jigu ddikjarati hatja, l-imputazzjonijiet dedotti ghandhom jigu pruvati oltre kull dubju ragjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raguni. Hawnhekk il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill- Qorti tal- Appell Kriminali fis-7 ta' Settembru 1994 fl-ismijiet Il- Pulizija vs. Philip Zammit et u tghid pero' mhux kull icken dubju huwa bizzejjed sabiex persuna akkuzata tigi ddikjarata liberata, hemm bzonn li "dubju jkun dak dettat mir- raguni".

Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il- 5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet IlPulizija vs. Peter Ebejer, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l- Gudikant irid jasal ghalih hu, li wara li jqis ic-cirkostanzi u l-provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz Miller vs. Minister of Pension - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".

"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".

Peress illi l-prosekuzzjoni qed tibbaża l-każ tagħha primarjament fuq provi ċirkostanzjali, il-Qorti tagħmel referenza għal dak li jingħad mill-awtur C.B. Pollock fil-ktieb Criminal Evidence (3rd Edition) [1995], Richard May (Sweet and Maxwell Criminal Practice) fuq din il-materja u ċioe:

"*It has been said that circumstantial evidence is to be considered as a chain, and each piece of evidence as a link in the chain, but that is not so, for then, if any one link broke, the chain would fall. It is more like the case of a rope comprised of several cords. One strand of cord might be insufficient to sustain the weight, but three stranded together may be quite of sufficient strength. Thus it may be in circumstantial evidence – there may be a combination of circumstances, no one of which would raise a reasonable conviction or more than a mere suspicion; but the whole taken together may create a conclusion of guilt with as much certainty as human affairs can require or admit of*."

Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Micheal Ellul Vincenti** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-3 ta' Ottubru 2013:

> "Hemm ukoll il-provi cirkostanzjali illi johrogu minn dan il-process, provi illi huma wkoll imporanti, a dirittua mpellenti ghall-prosekuzzjoni, li jwasslu ghal konkluzjoni wahda u wahda biss. Meta persuna tkun qieghda tikkonsidra sabiex taghmel reat, dina taghmel minn kollox sabiex tahbi l-operat u rresponsabilta' taghha ghal dak ir-reat u jista' jkollok sitwazzjoni fejn ma jkollokx xhieda okulari izda jkollok diversi ndizji li kollha jwasslu ghand l-akkuzat bhala l-unika persuna illi seta' kien fil-pozizzjoni illi jikkommetti r-reat in kwistjoni."

Il-Qorti tagħmel ukoll referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Cyrus Engerer** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta' Mejju 2014 fejn ġie kkonsidrat hekk:

> "Biex wiehed jistabilixxi jekk l-provi cirkostanzjali huma univoci wiehed irid jara l-assjem ta' dawn ic-cirkostanzi migjuba bhala prova u li dan il-konvinciment morali huwa wiehed ibbazat sal-grad rikjest tal-prosekuzzjoni tac-certezza morali (u mhux dik assoluta) jew il-prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni. In oltre il-konkluzjoni biex tkun univoka mhux necessarjament trid tkun l-uniku xenarju li jista jintlahaq izda trid tkun l-unika wahda li tista twassal ghal htija b'mod ragonevoli kontra dak li jkun. Fi kliem iehor jekk jinholoq dubbju dwar l-univocita tal-provi cirkostanzjali liema xenarju alternattiv ma jkunx wiehed ragonevoli, dan ma jistax iwassal sabiex il-Qorti tillibera a bazi tan-nuqqas ta' univocita."

Il-Qorti tibda billi tosserva li l-argument tad-difiża li l-vittmi prodotti bħala xhieda mill-prosekuzzjoni mhumiex kredibbli għaliex inizjalment qalu jew almenu pruvaw jagħtu x'tifhem li kienu raw lill-imputati jisirqulhom il-ġiżirana li kienu liebsin huwa infondat għal dak li jirrigwarda Luca Galea u Jean Paul Camilleri. Kif inhuwa daqstant ieħor infondat pero l-argument tal-prosekuzzjoni li dawn ix-xhieda kienu univoċi fil-verżjoni tagħhom li l-imputati kienu blukkawlhom it-triq biex ma jkunux jistgħu imorru wara min kien seraqhom. Dan ikkonsidrat illi:

i. Mix-xhieda ta' Luca Galea jirriżulta li l-ewwel darba li ra lill-imputati kien fil-*carpark* waqt li kienu soġġetti għal *citizen arrest.* Ma jirriżultax illi huwa dar u sabhom jostakolaw it-triq tiegħu biex ma jmurx wara min serqu kif isostni l-prosekuzzjoni. Il-verzjoni ta' Luca Galea kienet li meta ħass ġibda huwa dar u ma rax lil min kien ħadlu l-ġiżirana u għalhekk kien staqsa lil persuni li kienu warajh jekk kinux raw lil xi ħadd u qalulu li kienu raw persuna liebes *bucket hat* abjad bl-iswed. L-ebda involviment da parti tal-imputati fis-serqa ma jirriżulta minn din ix-xhieda.
ii. Fix-xhieda tiegħu Jean Paul Camilleri qal li meta ħass il-ġibda m'għonqu huwa dar biex jara min kien ħadlu l-ġiżirana iżda dan il-persuna kien laħaq telaq u ma ra lil ħadd. Dwar l-imputati qal li l-ewwel darba li rahom kien fil-*carpark,* u allura fl-istess ċirkostanzi li rahom Luca Galea. Għaldaqstant ma jistax jitqies li x-xhieda ta' Jean Paul Camilleri tikkostitwixxi prova tal-involviment tal-imputati.

iii. L-unika xhud li semma li l-imputati kien daħlu sabiex jostakolawh ħalli ma jmurx wara l-persuna li ra titlaq tiġri huwa Thomas Howland, li ddeskriva li meta dar, wara li ħass ġibda ma' għonqu, ra persuna titlaq tiġri iżda meta prova jmur jiġri warajha l-imputati daħlu fin-nofs u blokkawh b'ġisimhom stess. Huwa identifika lil Bonavita mit-*tattoo* li għandu ma' għonqu u lil Massoui mill-istil ta' xagħru. Il-Qorti tosserva pero li fil-kontro-eżami li sarlu waqt is-seduta tat-2 ta' Lulju 2024 huwa qal illi l-ewwel darba li ra lill-imputati kien fil-*car park,* kif jidher minn dan l-estratt tad-deposizzjoni, li saret bl-Ingliż fuq talba tax-xhud stess peress li jifhem u jitkellem aħjar bil-lingwa Ingliża, liema talba ma ġietx opposta mill-partijiet:

"Avu2: *And when you say recognise him, what do you remember from that night with regards to this accused? To the one in the blue jacket?* [b'referenza għal Nizar Massoui]
Xhud: *I just recognise him outside, next to the car*.
Avu2: *Okay. And one last question, so apart from the tug you felt on your neck as the necklace was being pulled off, did you see with your own eyes any of the two accused here? Did you see them?*
Xhud: *No*
Avu2: *So not even when you turned around or when you?*
Xhud: *No.*
Avu2: *Okay, so the only time you saw them, just to make it clear, was outside in the car park when other people were suggesting that they may have stolen necklaces, correct?*
Xhud: *Yes, but my friend that it happened to saw proper grabbed one of them*."

F'dan ir-rigward hija relevanti wkoll ix-xhieda ta' Eli Zammit Marmara li qal li huwa kien fil-grupp ta' ħbieb ta' Thomas Howland u li Thomas Howland kien qalilhom li kienet insterqitlu l-ġiżirana iżda li ried li jibqgħu hemmhekk u jkomplu, fis-sens li ried li jkomplu jiddevertu, u fl-ebda ħin ma qal li Howland kien semmielu l-imputati, jew li Howland kien ħareġ barra biex jipprova jsib il-persuni li serquh.

F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs E/L25606 Leading Steward Victor Dalmas** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-13 ta' Mejju 1961 fejn ġie osservat illi:

> "Hu ċertament deżiderabbli li l-identifikazzjoni ssir bla ma dak li jkun imsejjaħ biex jidentifika jiġi b'xi mod, anki involontarjament, suġġestjonat."

Mid-dinamika tal-fatti kif rakkontati quddiem il-Qorti, u d-diskrepanza bejn il-verżjonijiet mogħtija minn Thomas Howland innifsu kif ukoll id-diskrepanza bejn ix-xhieda ta' Eli Zammit Marmara u Thomas Howland, din il-Qorti m'għandix serħan tal-moħħ li l-identifkazzjoni minn Howland tal-imputati bħala persuni involuti fis-serqiet in kwistjoni hija waħda affidabbli. Ikkonsidrat l-ammissjoni ta' Howland fil-kontro-eżami li sarlu fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2024 u x-xhieda ta' Zammit Marmara, din il-Qorti tqis li jeżisti dubbju raġonevoli jekk l Howland identifikax lill-imputati għaliex effettivament rahom b'għajnejh jostakolawh jew frott ta' suġġestjoni

provokata miċ-ċorma nies li kien qed jiddetjenu u jakkużaw lill-imputati fil-*car park* tal-istabbilment Gianpula. Dan speċjalment ikkonsidrat it-tweġiba mogħtija minn Howland riportata fl-estratt hawn fuq ċitat, fejn meta ġie mistoqsi biex jikkonferma li l-ewwel darba li ra lill-imputati kien fil-*car park*, huwa qabel ma' dan iżda żied li l-ħabib tiegħu kien ra lill-imputati.

Fir-rigward tal-argument tal-prosekuzzjoni relattiv għar-ritratt li tgħid li instab fuq wieħed mill-*mobile phones* esebiti, u senjatament fuq il-*mobile phone* tad-ditta Samsung, il-Qorti eżaminat bir-reqqa l-*extraction* magħmula mill-espert maħtur mill-Qorti Joseph Louis Xerri iżda dan ir-ritratt ma instabx minnha, la fis-subfolder intestat '*Image*', li jinsab fil-*folder* intestat '*Files*' fejn kien hemm ben 19,928 stampa u lanqas fil-*folders* relattivi għall-*apps* ta' *social media* bħal Snapchat, Instagram u Whatsapp. Fi kwalunke każ, fil-kuntest ta' din il-kawża il-Qorti tqis li dan ir-ritratt m'huwiex biżżejjed sabiex jimplika ħtija da parti tal-imputati. L-ewwel nett, ma jirriżultax kif dan ir-ritratt spiċċa fuq il-*mobile phone* tal-imputati, fis-sens jekk dan ir-ritratt ġiex mibgħut lilhom jew jekk itteħdix minnhom. Lanqas ma jirriżulta meta ttieħed dan ir-ritratt. Mix-xhieda tal-Ispettur James Mallia jirriżulta li dan ir-ritratt ma tteħdix fl-appartament fejn saret tfittxija mill-pulizija, fejn il-prosekuzzjoni tgħid illi l-imputati kienu temporanjament residenti. Lanqas ma jirriżulta x'konnessjoni hemm bejn dan ir-ritratt u l-imputati. Il-Qorti tfakkar illi hawnhekk l-imputati qed jiġu mixlija b'reat speċifiku, u ċioe dak ta' serq kwalifikat, u għalhekk huwa dan r-reat speċifiku li jrid jiġi pruvat mill-prosekuzzjoni. Fl-assenza ta' provi diretti jew indizjarji oħra li juru l-involviment tal-imputati fis-serq tal-ġiżirajjen tad-derubati, anke kieku kellu jiġi aċċettat li l-ġiżirajjen f'dan ir-ritratt huma l-ġiżirajjen tad-derubati, dan ir-ritratt ma jistax jikkostitwixxi prova tal-involviment tal-imputati b'mod speiċifiku fir-reat ta' serq kwalifikat.

Inoltre, il-prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda prova tal-konnessjoni bejn l-imputati mat-terza persuna li tgħid li ġie arrestat fl-ajruport fl-Italja bid-deheb misruq. Filfatt, għalkemm il-prosekuzzjoni tgħid li kien ittieħed ritratt tad-deheb li nstab fuq din it-terza persuna u ġie muri lid-derubati li għarfu l-ġiżirajjen tagħhom, dan ir-ritratt ma ġiex preżentat quddiem din il-Qorti, kif lanqas ma saret l-allegata identifikazzjoni ta' dawn l-oġġetti mill-vittmi quddiem din il-Qorti. Għalhekk, ladarba xejn minn ma tressaq quddiem il-Qorti, din il-Qorti ma tistax tieħu konjizzjoni tiegħu. Dan, jerġa jingħad, apparti l-fatt li l-prosekuzzjoni ma resqitx xrara ta' prova li tista' tagħmel konnessjoni sal-grad rikjest mill-liġi bejn l-imputati u dan it-terza persuna, li ismu baqa' skonoxxut matul il-proċeduri. Kif lanqas ma ressqet xi prova li l-imputati assoċjaw ruħhom ma' persuni oħra biex jikkomettu xi reat f'Malta. Il-fatt waħdu li min kien fir-residenza temporanja tal-imputat ħarab meta waslu fuq il-post il-pulizija ma jistax iwassal għal konklużjoni, lil hinn minn kull dubbju raġonevoli, li l-imputati kienu assoċjaw ruħhom ma' din il-persuna biex jikkomettu xi reat. Fir-rigward tar-referenza magħmula mill-prosekuzzjoni waqt is-sottomissjonijiet finali li l-pulizija kienu rċevew diversi rapporti ta' serqiet simili kommessi minn persuni minn Genoa il-Qorti tosserva li fix-xhieda mogħtija minnu in kontro-eżami l-Ispettur Shawn Pawney qal illi minkejja li għal bidu ħasbu li dawn is-serqiet mill-istabbilment Gianpula kienu relatati ma' serqiet simili li seħħew f'San Ġiljan, sussegwentement

kien irriżultalhom li dawn li ma kinux relatati u li ma kienx hemm l-istess nies involuti. Fi kwalunke każ, il-fatt waħdu li l-imputati huma minn Genoa ma jistax jittieħed bħala prova li kienu involuti f'reat ta' serq mingħajr xi prova li turi l-involviment tagħhom jew imqar il-konnessjoni tagħhom ma' dawn il-persuni.

Fil-fehma tal-Qorti mill-assjem tal-provi tirriżulta konnessjoni mill-aktar tenwa bejn l-imputati u r-reati li bihom jinsabu akkużati, li fl-aħjar ipoteżi setgħet forsi tkun biżżejjed għall-finijiet ta' deċiżjoni mogħtija taħt l-artikolu 401(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, iżda żgur mhijiex biżżejjed biex tilħaq il-livell probatorju meħtieġ f'sentenza fejn il-Qorti hija mitluba li ssib jekk l-imputati humiex ħatja jew le tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom. Il-każ tal-prosekuzzjoni waqaf fil-livell ta' supposizzjonijiet u konġetturi li ma jirriżultawx pruvati lil hinn minn kull dubbju dettat mill-liġi, u għalhekk din il-Qorti m'għandhiex għażla oħra ħlief li tillibera lill-imputati mill-akkużi kollha miġjuba kontra tagħhom minħabba nuqqas ta' provi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi il-Qorti issib lill-imputati mhux ħatja tal-akkużi kollha dedotti kontra tagħhom u tilliberahom mill-istess.

Il-Qorti tordna, ai termini ta' l-Artikolu 392A (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-Avukat Ġenerali tingħata aċċess għal kopja skenjata tal-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata tas-sentenza fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol.

**Dr. Ann Marie Thake**
Maġistrat

**Ylenia Spiteri**
Deputat Reġistratur